# MALTA

**ATT Nru. VIII ta' l-1989**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra.**

**ACT No. VIII of 1989**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the National Holidays and other Public Holidays Act, 1975.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

21 ta' Marzu, 1989

## ATT Nru. VIII ta' l-1989

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, u dan għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, li minn issa 'l quddiem u għall-finijiet ta' dan l-Att u għal kull effett u skop ta' din u ta' kull liġi oħra, għandu jissejjaħ bħala l-Att ta' l-1975 dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att Nru. XXX ta' l-1975.

**2.** Fl-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali, ħassar il-kliem "l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra" u daħħal flokhom il-kliem "l-Att ta' l-1975 dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra". Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Minflok l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

"Festi Nazzjonali. 2. Dawn il-ġranet ikunu Festi Nazzjonali:

Il-Wieħed u Għoxrin ta' Settembru bħala Jum l-Indipendenza.

It-Tlettax ta' Diċembru bħala Jum ir-Repubblika.

Il-Wieħed u Tletin ta' Marzu bħala Jum il-Ħelsien.

It-Tmienja ta' Settembru bħala Jum il-Vittorja.

Is-Sebgħa ta' Ġunju magħruf bħala s-Sette Giugno.".

Enumerazzjoni mill-ġdid ta' artikoli ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikoli 3, 4 u 5 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 5, 6 u 7 rispettivament.

Żieda ta' artikoli ġodda ma' l-Att prinċipali.

**5.** Minnufih wara l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Il-Festi Nazzjonali jkunu btajjel pubbliċi.

3. Il-Festi Nazzjonali jkunu btajjel pubbliċi u f'dawk l-okkażjonijiet għandha tittajjar il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta fuq il-bini pubbliku.

Ċelebrazzjoni tal-Festi Nazzjonali.

4. Il-Prim Ministru għandu jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festi Nazzjonali.".

Sostituzzjoni ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**6.** Minflok l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"SKEDA

Artikolu 5(1)

**Lista ta' Btajjel Pubbliċi**
**(b'żieda mal-Festi Nazzjonali u l-Ħdud)**

| | |
|---|---|
| l-1 ta' Jannar | L-Ewwel tas-Sena |
| l-10 ta' Frar | Il-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl |
| id-19 ta' Marzu | Il-Festa ta' San Ġużepp |
| — | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| l-1 ta' Mejju | Jum il-Ħaddiem |
| id-29 ta' Ġunju | Il-Festa ta' San Pietru u San Pawl |
| il-15 ta' Awissu | Il-Festa ta' Santa Marija |
| it-8 ta' Diċembru | Il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni |
| il-25 ta' Diċembru | Il-Milied.". |

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 218 ta' l-14 ta' Marzu, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*

I assent.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Acting President

21st March, 1989

**ACT No. VIII of 1989**

*AN ACT further to amend the National Holidays and other Public Holidays Act, 1975.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the National Holidays and other Public Holidays (Amendment) Act, 1989 and shall be read and construed as one with the National Day and other Public Holidays Act, 1975, which shall henceforth and for the purposes of this Act and for all effects and purposes of this and any other law, be known as the National Holidays and other Public Holidays Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Act No. XXX of 1975.

**2.** In section 1 of the principal Act, delete the words "the National Day and other Public Holidays Act, 1975" and substitute therefor the words "the National Holidays and other Public Holidays Act, 1975". Amendment of section 1 of the principal Act.

**3.** For section 2 of the principal Act there shall be substituted the following: Substitution of section 2 of the principal Act.

"National Holidays. 2. The following shall be National Holidays:

The Twenty First day of September known as Jum l-Indipendenza.

The Thirteenth day of December known as Jum ir-Repubblika.

The Thirty First day of March known as Jum il-Ħelsien.

The Eighth of September known as Jum il-Vittorja.

The Seventh day of June known as the Sette Giugno.".

Renumbering of sections of the principal Act.

**4.** Sections 3, 4 and 5 of the principal Act shall be renumbered sections 5, 6 and 7 respectively.

Addition of new sections to the principal Act.

**5.** Immediately after section 2 of the principal Act there shall be inserted the following new sections:

"National Holidays to be public holidays.

3. The National Holidays shall be public holidays and on those occasions there shall be flown on public buildings the National Flag of Malta.

Celebration on National Holidays.

4. The Prime Minister shall give such directions as he may deem appropriate for the due celebration of the National Holidays.".

Substitution of the Schedule to the principal Act.

**6.** For the Schedule to the principal Act there shall be substituted the following:

"SCHEDULE

Section 5(1)

**List of Public Holidays**
**(in addition to National Holidays and Sundays)**

| | |
|---|---|
| 1st January | New Year's Day |
| 10th February | Feast of St. Paul's Shipwreck |
| 19th March | Feast of St. Joseph |
| — | Good Friday |
| 1st May | Workers' Day |
| 29th June | Feast of St. Peter and St. Paul |
| 15th August | Feast of the Assumption |
| 8th December | Feast of the Immaculate Conception |
| 25th December | Christmas Day.". |

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 218 of the 14th March, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives.*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*